



Il-Kummissjoni Ewropea

Rispons tal-Kummissjoni għal **STOP FINNING – STOP THE TRADE**

(Waqqaf it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar -
Waqqaf il-kummerċ)
L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

#EUTakeTheInitiative
#EUGreenDeal #OceanEU



L-Inizjattiva
taċ-Ċittadini
Ewropej

L-għadd ta' inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej li rnexxielhom jilhq u l-għadd meħtieġ ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ biex il-Kummissjoni Ewropea ttiprovdi tweġiba jkompli jikber. Din hija t-tmien inizjattiva taċ-ċittadini li rnexxiet. Xi wħud irriżultaw f'leġiżlazzjoni ġdida filwaqt li oħrajn kellhom riżultati sinifikanti oħra. Kollha kemm huma bnew networks li jikkonċernaw kwistjonijiet u żiedu l-għarfien kemm fost iċ-ċittadini kif ukoll fost dawk li jfasslu l-politika.


L-GĦAN TAL-ORGANIZZATURI

Jintemm il-kummerċ tal-pinen tal-klieb il-baħar fl-UE, jiġi estiż ir-Regolament (UE) Nru 605/2013 li jipprojbixxi t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar u **jiġu pprojbiti wkoll l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' pinen tal-klieb il-baħar waħedhom.**


INVOLVIMENT

1,119,996 firmatarju minn 27 Stat Membru tal-UE


FATTI EWLENIN



It-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar tfisser li l-pinen tal-klieb il-baħar jitneħħew abbord il-bastimenti tas-sajd u li l-annimal jerġa' jintefa' fil-baħar filwaqt li jista' jkun għadu ħaj.



Il-valutazzjoni l-aktar riċenti u globali tal-Lista Ħamra ta' Speċijiet Mhedda™ tal-IUCN stmat li **aktar minn wieħed minn kull tliet speċijiet ta' klieb il-baħar huma mhedda bl-estinzjoni** (jiġifieri meqjusa bħala f'periklu kritiku, f'periklu jew vulnerabbli).



Fl-2021, il-prezz medju tal-esportazzjonijiet tal-pinen tal-klieb il-baħar kien ta' **EUR 16 għal kull kg**, filwaqt li kien ta' **EUR 1.43 għal kull kg** għal-laħam tal-klieb il-baħar.

LEĠIŻLAZZJONI ATTWALI

L-UE kienet l-ewwel li qieset it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar bħala prattika mhux aċċettabbli, fl-2003. Bir-“Regolament dwar it-Tneħħija tal-Pinen tal-Klieb il-Baħar” ([ir-Regolament \(UE\) Nru 605/2013](#)), **it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar hija pprojbita abbord il-bastimenti kollha li jbaħħru fl-ilmijiet tal-UE u kull post ieħor għall-bastimenti bil-bandiera ta’ Stat Membru tal-UE**. Iż-żamma ta’ pinen tal-klieb il-baħar abbord, it-trażbord jew l-ħatt tagħhom ukoll huma pprojbiti. Dan ifisser li l-pinen tal-klieb il-baħar jistgħu jitneħħew biss mal-ħatt.

TWEĠIBA GĦALL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI

Il-Kummissjoni hija impenjata li:

- Tibda mingħajr dewmien il-ħidma preparatorja bl-għan li, sal-aħħar tal-2023, tnedi **valutazzjoni tal-impatt dwar il-konsegwenzi ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-applikazzjoni tal-politika “pinen tal-klieb il-baħar fil-post naturali tagħhom”** għat-tqegħid fis-suq tal-UE tal-klieb il-baħar, kemm jekk fil-kummerċ tal-UE kif ukoll dak internazzjonali (importazzjonijiet u esportazzjonijiet).
- Sal-aħħar tal-2024, tipprovdi **informazzjoni aktar dettaljata dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-UE biex tittejjeb l-istatistika dwar il-kummerċ tal-prodotti tal-klieb il-baħar**.
- **Issaħħaħ aħjar il-miżuri ta’ traċċabilità diġà b’saħħithom tal-UE** billi ssaħħaħ l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni li japplika għall-katina tal-valur kollha - il-kontroll tas-sajd fuq il-baħar, it-traċċabilità sħiħa tal-prodotti tal-klieb il-baħar mill-ħatt sal-konsumatur, informazzjoni għall-konsumatur u l-prevenzjoni u r-rimedju tal-kummerċ illegali - u billi tiżgura l-ġbir u r-rapportar ta’ informazzjoni sħiħa u affidabbli mis-sajjieda u mill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar dawn l-aspetti kollha.
- **Tħaffef l-azzjoni internazzjonali tal-UE**: tirrakkomanda projbizzjoni madwar id-dinja tat-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar u ssaħħaħ l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri ta’ konservazzjoni u ġestjoni għall-ispeċijiet tal-klieb il-baħar; **tħeġġeġ it-tnaqqis tad-domanda għall-pinen tal-klieb il-baħar**; u **tiġġieled kontra t-traffikar tal-pinen tal-klieb il-baħar**.

SKEDA TA’ ŻMIEN

□ Jannar 2020	L-inizjattiva tiġi rreġistrata u jibda jinġabar l-appoġġ (estiż għal sentejn, minħabba l-pandemija tal-COVID-19)
□ Jannar 2023	L-inizjattiva tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni
□ Frar 2023	L-organizzaturi tal-inizjattiva jiltaqqgħu mal-Kummissarju għall-Ambjent, l-Oċeani u s-Sajd Virginijus Sinkevičius
□ Marzu 2023	Issir seduta pubblika fil-Parlament Ewropew
□ Lulju 2023	Il-Kummissjoni tipprovdi tweġiba uffiċjali

Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej - l-għodda tiegħek biex issawwar il-politika Ewropea
#EUTakeTheInitiative
<https://europa.eu/citizens-initiative/> [/mt](#)

Segwi l-aġġornamenti mill-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hawnhekk:
https://europa.eu/citizens-initiative/news_mt

Ara l-Istejjer ta’ Suċċess dettaljati tagħna fil-Forum tal-IĊE hawnhekk:
https://europa.eu/citizens-initiative-forum/success-stories_mt

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023 © Unjoni Ewropea, 2023.

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat diment li s-sors jiġi rikonoxxut u t-tifsira jew il-messaġġ oriġinali tad-dokument jibqgħu l-istess. Il-Kummissjoni Ewropea ma hijiex responsabbli għal xi konsegwenza li tirriżulta mill-użu mill-ġdid. Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti [tal-Kummissjoni Ewropea hija implimentata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta’ Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni \(ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39\)](#).



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

PDF
STAMPAT

ISBN 978-92-68-05160-3
ISBN 978-92-68-05120-7

doi:10.2792/815620
doi:10.2792/244083

KA-03-23-345-MT-N
KA-03-23-345-MT-C